Dan il-volum ikompli minn
Vol.XXXIIC

---

1 ta' Mejju, 1946.

**Imhallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Robert Lapira** *versus* **Rosa Borg et.**

## Komunjoni — Diviżjoni — Subasta.

*Il-kreditur ma jistax jirrantu ebda dritt fuq il-beni tad-debitur li jkunu komuni ma' ħadd ieħor qabel ma ssir il-qasma bejnu u bejn l-interessati l-oħra, li minnha jirriżulta jekk lil dak id-debitur tmissux xi kwota minn dawk il-beni, u f'każ affermativ liema kwota tmissu. Għaldaqstant, qabel ma tkun saret id-diviżjoni ma jistax il-kreditur jipproċedi għas-subasta fuq dawk il-beni komuni, ammenokkè huwa ma jipproċedix fuq il-kwota "ut sic". Jekk huwa jipproċedi fuq xi fond jew parti ta' fond li jidħlu f'din il-kwota, dik is-subasta ma tistax timxi 'l quddiem sakemm ma ssirx id-diviżjoni biex jiġi stabbilit jekk dak il-fond jew parti ta' fond jiġux assenjati lil dik il-kwota.*

*F'każ simili jkun hemm lok għas-sospensjoni tas-subasta sakemm issir id-diviżjoni; salvo li l-atti tas-subasta jiġu anki revokati jekk jirriżulta fid-diviżjoni li l-fond jew parti ta' fond mibjugħ fis-subasta ma jkunx ġie assenjat lid-debitur eżekutat.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta illi fuq rikors tal-konvenuta Borg dina l-Qorti, b'digriet tal-20 ta' Marzu 1945, ordnat il-bejgħ fis-subasta tal-1/18 (a) tar-remissa nru. 17, Boschetto Road, Rabat, soġġetta għaċ-ċens temporanju ta' 5s' fis-sena, u (b) tad-dar numru 18 fl-istess triq, soġġetta għaċ-ċens temporanju ta' 6s. 8d fis-sena, liema kwoti suppost li jappartjenu lill-eredità ġjaċenti ta' Ruggero Lapira; illi l-attur, b'rikors tas-27 ta' Marzu 1945, talab ir-revoka "contrario imperio" ta' dak id-digriet, u dina l-Qorti b'digriet tal-25 ta' April 1945 ordnat li jsiru l-proċeduri skond il-liġi; illi b'rikors ieħor tas-27 ta' April 1945 l-attur talab li s-subasta titqies sospiża sakemm l-eżekutanti ma tkunx otteniet sentenza ta' diviżjoni tal-ġid li minnu jifformaw parti l-porzjonijiet ta' l-istabili mibjuħin fis-subasta; illi fis-27 ta' Ottubru 1945 dina l-Qorti ddeċediet li, wara r-rikors fuq imsemmi tas-27 ta' Marzu 1945 u tad-digriet tagħha tal-25 ta' April 1945, ma kienx hemm lok għad-dikjarazzjoni mitluba mill-attur bl-imsemmi rikors tas-27 ta' April 1945; u għalhekk irrespingiet it-talba; illi l-imsemmija deċiżjoni tas-27 ta' Ottubru 1945 ġiet dikjarata inappellabili mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re fit-8 ta' Frar 1946; u illi l-attur għandu nteress li s-subasta ma titkompliex qabel ma jkun aċċertat mill-konvenuta Borg, bħala kreditriċi eżekutanti, jekk l-eredità ġjaċenti ta' Ruggero Lapira tipposjedix jew le l-kwoti immobiljari fuq indikati, u dana f'ġudizzju separat ta' diviżjoni fil-konfront tal-konsorti u nteressati kollha; u talab illi, previja, jekk hemm bżonn, ir-revoka "contrario imperio" tad-digriet tas-27 ta' Ottubru 1945, l-atti tas-subasta fuq imsemmijin jiġu sospiżi sakemm il-konvenuta Borg fil-kwalità tagħha ta' kreditriċi eżekutanti ma tistabbilix f'ġudizzju appożitu ta' diviżjoni li l-eredità ġjaċenti ta' Ruggero Lapira tipposjedi l-kwoti ta' l-istabili fuq indikati. B'riżerva ta' drittijiet oħra, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li għandhom jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fuq il-fatti ma hemmx kontestazzjoni; kif hu ammess mill-istess konvenuta Rosa Borg fil-bidu tad-dikjarazzjoni tagħha fol. 5 tergo. Dina Borg, bħala titolari ta' kreditu debitament kanonizzat kontra l-wirt battal ta' Ruggero Lapira, li jiġi hu l-attur, ġiebet fis-subasta parti waħda minn tmintax indiviża ta' dar u remissa numru 17 u 18 Buskett Road, ir-Rabat, posseduta, skond l-eżekutanti, mill-wirt eżekutat. L-attur isostni illi dina s-subasta għandha tiġi sospiża sakemm issir id-diviżjoni bejn l-interessati, u dan sabiex jiġi stabbilit jekk lill-wirt eżekutat tmissx tassew xi kwota mill-istabili subastati, u f'każ affermativ liema kwota tmiss. Dippjù, l-attur isostni (u hawn hu l-"punctum saliens" tal-kwistjoni) illi din id-diviżjoni għandha tintalab mill-konvenuta eżekutanti, u li sakemm ma tiġix hekk mitluba, l-attijiet tas-subasta għandhom jibqgħu sospiżi. Il-konvenuta u l-kuraturi jopponu illi, jekk l-attur jidhirlu li għandu interess, imissu jitlob id-diviżjoni hu, u meta jkun għamel id-domanda relativa allura jitlob is-sospensjoni tas-subasta;

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjoni ġiet diversi drabi quddiem dawn il-Qrati. Din il-Qorti, sedenti allura l-Imħallef Dr. Ignazio Schembri, fil-kawża "Galdes vs. Mifsud", maqtugħa fil-5 ta' Marzu 1866, irriteniet illi l-kreditur ma jista' jivvanta ebda dritt fuq il-beni tad-debitur qabel ma jiġi aċċertat jekk fid-diviżjoni bejnu u bejn l-interessati l-oħra hijiex sejra tmissu xi kwota, u f'każ affermativ liema kwota tal-beni tal-wirt, u ssospendiet is-subasta. F'dan il-każ kien hemm pendenti l-kawża tad-diviżjoni (Kollez. Vol. III, paġ. 548-549). L-istess kwistjoni kienet ġiet quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, presjeduta allura mill-Imħallef Dr. Paolo Vella, fil-kawża "Muscat vs. Sceberras", fid-19 ta' Jannar 1882, u ġiet similment deċiża fis-sens illi, qabel id-diviżjoni, is-subasta ma tistax tiġi prosegwita; u infatti ġiet ordnata s-sospensjoni ta' l-attijiet tas-subasta sakemm issir id-diviżjoni ta' l-assi ereditarju li fih kien hemm interessat id-debitur eżekutat, fuq talba tal-werrieta jew tal-kreditur, "a spese di chi sarà giudicato" (Kollez. Vol. IX, paġ. 642). Il-Qorti ta' l-Appell, presjeduta mill-Prim Imħallef Sir Adrian Dingli, sedenti ma' l-Imħallfin Sir Salvatore Naudi u Dr. Lorenzo Xuereb, fit-22 ta' Mejju 1882 (l-istess Vol. IX, paġ. 712), ik-

konfermat il-prinċipju fuq stabbilit, meta l-kwistjoni ġiet devoluta lil dik il-Qorti b'appell mis-sentenza fuq imsemmija "Muscat vs. Sceberras"; anzi, minflok issospendiet, ordnat ir-revoka ta' l-attijiet tas-subasta. Il-pont reġa' ġie quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, sedenti allura l-Imħallef Dr. Paolo Debono u dan irriafferma l-massima illi l-eżekuzzjoni ma tistax issir fuq beni komuni bejn id-debitur eżekutat u ħadd ieħor qabel ma ssir id-diviżjoni (Kollez. Vol. XV, paġ. 618);

Ikkunsidrat;

Illi l-prinċipju li fuqu ġew bażati dawn id-deċiżjonijiet hu dak illi wieħed minn diversi eredi f'wirt li jkun għadu mhux maqsum għandu l-proprjetà pjena tal-kwota tiegħu tal-wirt bħala "kwota ereditarja", imma mhux ta' fond partikulari jew ta' parti minn fond partikulari, peress li qabel id-diviżjoni huwa inċert lil min dak il-fond jew dik il-parti tal-fond sejra tmiss. Il-kreditur tal-koeredi ma għandux drittijiet akbar mid-debitur tiegħu; jista' għalhekk jaġixxi għall-bejgħ tal-"kwota ereditarja" tad-debitur "ut sic", jiġifieri bħala kwota indiviża ta' wirt, imma ma jistax jaġixxi fuq fond jew parti ta' fond li jkun għadu ma ġiex, jew tkun għadha ma ġietx, assenjata lid-debitur fid-diviżjoni. Il-liġi stess, fl-art. 987 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 Edizzjoni Riveduta, tgħid illi kull wieħed mill-werrieta hu magħdud suċċessur, waħdu u dirett, fil-beni kollha li jagħmlu s-sehem tiegħu........... u jitqies li qatt ma kellu l-proprjetà tal-beni l-oħra tal-wirt. Jista' għalhekk jiġri, kieku ma kellhiex tiġi sospiża s-subasta, illi ssir il-vendita ġudizzjarja forzata ta' parti minn fond li fid-diviżjoni eventwali ma jmissx lid-debitur eżekutat;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob is-sospensjoni, u mhux ir-revoka ta' l-attijiet tas-subasta. Fis-sentenza fuq ċitata ta' l-1866 il-Qorti, minflok ir-revoka, kienet ordnat is-sospensjoni bħala temperament ekwitativ. Fis-sentenza ta' l-1882 l-Ewwel Qorti kienet adottat dan it-temperament bħala raġjonevoli, u ċċitat l-awtorità taz-Zachariae; imma l-Qorti ta' l-Appell ma approvatux, u għażlet l-alternativa, kontenuta fiċ-ċitazzjoni, tar-revoka minflok dik tas-sospensjoni. Fl-att taċ-ċitazzjoni preżenti hija mitluba biss is-sospensjoni;

Illi din il-Qorti ma ssibx raġuni biex titbiegħed, għar-raġunijiet fuq miġjuba, mill-massima illi qabel id-diviżjoni ma hux ammissibili li ssir l-eżekuzzjoni fuq kwota ndiviża ta' fond tal-wirt;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' t-talba fis-sens li tordna s-sospensjoni ta' l-attijiet tas-subasta msemmijin fiċ-ċitazzjoni sakemm issir id-diviżjoni tal-wirt, sija fuq talba ta' l-attur jew werrieta nteressati oħra, sija fuq talba tal-konvenuta eżekutanti, u bi spejjeż ta' min jiġi ġudikat; salv li xi interessat eventwali (li jista' jkun koeredi ieħor li eventwalment tmissu l-kwota immobiljari subastata) jitlob, bi spejjeż ta' min imissu jbatihom, ir-revoka ta' l-attijiet tas-subasta għar-raġuni ndikata fl-aħħar konsiderando tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-1882;

L-ispejjeż kollha ta' din il-kawża jibqgħu kontra l-wirt konvenut ta' Ruggero Lapira.